**- Hlas ta' kera - Valutazzjoni ta' provi - Oneru ta' Prova.-**

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Frar, 2001**

**Kawza Numru: 1**
**Citazzjoni Numru: 642/97/RCP**

**George Cortis**

**vs**

**Philip u Alfreda konjugi Cortis**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti huma veri, certi u likwidi debituri ta' l-attur fis-somma ta' elf sitt mija sitta u disghin Lira Maltija (Lm1,696) bilanc ta' somma akbar dovuta bhala kera ghall-garaxx numru tnejn fi Triq 12 ta' Mejju, Wicc ir-Rahal,

Zebbug ghall-iskadenza mill-1 ta' Jannar 1996 sat-30 ta' Gunju 1996.

Illi ghalkemm interpellati ihallsu dan l-ammont il-konvenuti baqghu inadempenti.

Illi fil-fehma ta' l-attur il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'igibu ghat-talbiet attrici kif jirrizulta mill-anness affidavit prezentat *ai termini* ta' **l-artiklu 176 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-istess attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* ta' l-**artikolu 176 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. tiddikjara l-konvenuti veri, certi u likwidi debituri ta' l-attur fis-somma ta' elf sitt mija u sitta u disghin Lira Maltija (Lm1,696) bilanc ta' somma akbar dovuta bhala kera tal-garaxx numru 2, Triq 12 ta' Mejju, Wicc ir-Rahal, Zebbug ghall-iskadenza mill-1 ta' Jannar 1996 sat-30 ta’ Gunju 1996;

3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dan l-ammont fuq imsemmi.

Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali u mandat ta' sekwestru kawtelatorju datati 10 ta' Marzu 1997, u bl-imghax legali mit-30 ta' Gunju 1996 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti mill-lum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 6 tal-process;

Rat il-verbal tal-25 ta' April 1997 fejn Dr Robert Mangion ghall-konvenut iddikjara li l-konvenuti ghandhom eccezzjoni valida x'jaghtu u din hija illi l-ammont li qieghed jinghad li huwa dovut fil-fatt mhux dovut. Dr Mangion talab li jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet ghan-nom tal-konvenuti. Il-Qorti prefeggiet terminu ta' ghoxrin gurnata ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet u l-kawza giet differita ghall-4 ta' Gunju 1997 ghall-kontinwazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 13 tal-process fejn ecceppew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li hemm dovuta s-somma ta' Lm1696 kera ghall-perjodu indikat fic-citazzjoni.

2. Illi mhux minnu li l-partijiet ftehmu bhala kera tal-garaxx *de quo* is-somma li qed jallega l-attur.

3. Illi l-partijiet kienu ftehmu li l-kera tal-garaxx *de quo* ikun ta' hames mitt lira (Lm500) fis-sena.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 13 tal-process, fejn l-istess konvenut sostna li l-kera tal-istes garaxx kienet b'effett mill-1 ta' Settembru 1995 bir-rata ta' Lm500 fis-sena pagabbli bil-quddiem, u l-iskadenzi tal-1 ta'

Settembru 1995 u l-1 ta' Settembru 1996 thallsu mill-istess konvenut, u ghalhekk dan iwassal ghall-hlas ta' kera sal-perjodu tal-ahhar ta' Awissu 1997.

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Gunju 1997 fejn Dr Doreen Clarke ghall-atturi talbet li tipproduci l-provi taghha bil-procedura tal-affidavit. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghall-20 ta' Ottubru 1997 ghall-provi tal-attur bil-procedura tal-affidavit.

Rat il-verbal tal-20 ta' Ottubru 1997 fejn Dr Clarke iddikjarat li l-attur ghandu xi jzid max-xhieda tieghu u dan ser taghmlu bil-procedura ta' l-affidavit. Il-kawza giet differita ghall-21 ta' Novembru 1997 ghall-prezentata ta' dan l-affidavit u ghan-notifika ta' l-affidavit pprezentat fit-8 ta' Lulju 1997.

Rat l-affidavits pprezentati mill-attur tat-8 ta' Lulju 1997 u tas-6 ta' Novembru 1997.

Rat il-verbal tal-21 ta' Novembru 1997 fejn Dr Clarke iddikjarat li m'ghandiex aktar provi hlief kontro-ezami tal-konvenut u tax-xhieda prodotti minnu. Dr Mangion talab li jressaq il-provi tieghu bil-procedura tal-affidavit. Il-kawza giet differita ghat-13 ta' Frar 1998.

Rat il-verbal tat-13 ta' Frar 1998 fejn Dr Mangion ghall-konvenuti ta' ruhu b'notifikat bl-affidavit ta' l-attur. Il-kawza giet differita ghall-20 ta' Mejju 1998 ghall-kontinwazzjoni.

Rat in-nota ta' Philip Cortis tas-6 ta' Marzu 1998 a fol 33 sa 35 tal-process fejn esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal tal-20 ta' Mejju 1998 u tal-11 ta' Dicembru 1998 fejn xehed in kontro-ezami l-attur. Il-kawza giet differita ghat-12 ta' Mejju 1999 ghall-kontinwazzjoni tal-kontro-ezami tal-attur.

Rat il-verbal tat-12 ta' Mejju 1999 fejn kompla xehed in kontro-ezami l-attur. Il-kawza giet differita ghad-19 ta' Jannar 2000.

Rat il-verbal tad-19 ta' Jannar 2000 fejn xehed in kontro-ezami John Said. Il-kawza giet differita ghat-22 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbal tat-22 ta' Mejju 2000, u tal-10 t'Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif presjeduta. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenut u finali trattazzjoni ghas-16 ta' Jannar 2001.

Rat il-verbal tas-16 ta' Jannar 2001 fejn xehed Philip Cortis, il-konvenuti ddikjaraw li ma ghandhomx provi izjed, id-difensuri trattaw il-kaz, u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-12 ta' Frar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II.KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

(A) <u>IL-MERTU TAL-KONTESTAZZJONI BEJN IL-PARTIJIET.</u>

Illi din hija kawza li saret mill-attur fl-20 ta' Marzu 1997, fejn l-istess attur qed jitlob il-hlas tal-bilanc ta' kera tal-garaxx hemm indikat fl-ammont ta' Lm1,696 ghall-iskadenza tal-1 ta' Jannar 1996 sat-30 ta' Gunju 1996.

Illi dan qed isostnih peress li allega li kien hemm ftehim ta' kera verbali ghall-istess garaxx bir-rata ta' Lm12 kuljum u kien ghad baqghalu jiehu dan l-ammont apparti kera ohra.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut sostna li huwa kien ftiehem mal-attur ghall-kera ta' Lm500 fis-sena u fil-fatt huwa hallas il-kera ghall-zewg skadenzi.

(B) <u>IT-TEZI U PROVI ATTRICI.</u>

Illi in sostenn ta' din it-tezi **l-attur** xehed li l-ewwel kien ftiehem mal-konvenut li ghall-uzu tal-istess garaxx mill-konvenut il-profitti jinqassmu min-nofs, pero' wara ftehmu li l-kera kellha tkun ta' Lm12 kuljum, u skond l-attur il-konvenut hallsu sal-ahhar tas-sena 1995; pero' ghas-sena 1996 ma hallsu xejn hlief Lm500 akkont ta' dak dovut ghall-istess sena, liema hlas akkont sar fl-ahhar ta' Settembru, bidu ta' Ottubru 1996.

Illi fil-bidu tal-kawza l-konvenut qallu li ma kellux bzonn izjed l-istess garaxx, u fil-fatt halla ic-cwievet tal-istess ghand ommhom fit-12 ta' Ottubru 1997, u ghalhekk sostna li *"apparti s-somma indikata fic-citazzjoni hija ghandu jaghtini ghall-perjodu minn Frar 1996 sat-12 ta' Ottubru 1997".* (affidavit a fol. 26).

Illi in kontro-ezami sostna li l-ftehim sar fil-bidu tas-sena 1995, u li l-garaxx ma kienx tieghu ghaliex inbena fuq raba' li ghandu bi qbiela minghand certu Micallef. Qabel li l-garaxxijiet imsemmija fix-xhieda inbnew minnu u minn huh. Sostna wkoll li fl-affidavit kien hemm haga li ma hijiex ezatta stante li ghandu jiehu ghall-perjodu indikat fic-citazzjoni mill-1 ta' Jannar 1996 sat-30 ta' Gunju 1996, u l-kera li skadiet fit-12 ta' Ottubru 1997. Illi apparti xhieda ta' kif u min ihallas il-qbiela sostna wkoll li *"lil hija cioe' lill-konvenut qatt ma krejtulu l-garaxx. Jiena tajtulu bin-nofs. Il-Qorti qeghda tistaqsini x'nifhem bil-kelma jew kliem bin-nofs u jien nirrispondi illi hemm hekk huwa ghandu negozzju tat-tigieg u bin-nofs infisser illi jaghtini n-nofs tal-qliegh. Il-ftehim mieghu kien illi jiena nikkontribwixxi n-nofs tal-ispejjez bhal gwiez, xoghol u affarijiet ohrajn. Il-Konvenut offrili l-kera ta' tnax-il lira kuljum u jiena accetajt".* (fol. 48/49.)

Illi l-istess attur ressaq bhala xhud lil **John Said** u dan qal li kien ilu jaf lill-attur ghal xi sentejn mid-data tal-affidavit tieghu tas-7 ta' Lulju 1997 (fol. 23) u l-attur kien qallu li

kera l-garaxx lill-konvenut bir-rata ta' Lm12 kuljum, u sostna li f'ahhar ta' Novembru jew bidu ta' Dicembru 1996 sema' lill-konvenut jghid li *"la ftehmna bit-tnax il-lira, tnax il-lira nghatik pero' ghal issa ma nistax, malli jkolli f'idejja nghatihomlok".*

Illi in kontro-ezami l-istess xhud sostna li gieli jghin lill attur fuq il-*farm* tieghu, w ibnu wkoll gieli hadem mal-attur, pero' ma jafx jekk dan jithallasx jew le, u mistoqsi mill-Qorti, sostna li qatt ma saqsih lill-ibnu jekk jithallasx. Huwa jghin lill-attur jarma l-*farm* pero' qatt ma thallas u lanqas jippretendi li jithallas.

(C) IT-TEZI U IL-PROVI TAL-KONVENUT.

Illi **l-konvenut** sostna li kien ftiehem mal-konvenut li jibnielu zewg garaxxijiet, u li wiehed minnhom jintuza mill-istess konvenut bla hlas, bil-patt li jekk l-attur jitolbu lura, l-konvenut jerhi l-garaxx minn idejh.

Illi skond il-konvenut hekk gara, tant li ghamel bieb bi flusu w beda juza l-istess garaxx u dam jaghmel hekk ghal xi erbgha (4) snin. Illi wara dan iz-zmien beda jrabbi t-tigieg fih, u hawn l-attur talbu sabiex jibda itieh d-demel tat-tigieg darba f'sena li l-valur tieghu kien ta' Lm30.

Illi wara xi tlett snin, l-konvenut talab lill-attur sabiex jiehu l-garaxx l-iehor minflok dak li kien qed juza' ghaliex kien

ghaxar piedi itwal, pero' l-attur talbu tieghu Lm30 kuljum u l-konvenut ma accettax. Wara xi ftit gimghat l-attur talbu Lm800 bhala kera ghall-istess garaxx, il-konvenut ma accettax pero' offrielu Lm500 fis-sena bil-quddiem, u l-konvenut accetta, thallas u tah ic-cavetta.

Wara li ghaddiet sena, hallas it-tieni pagament permezz ta' *cheque* miktub mill-istess attur datat 18 ta' Settembru 1996 (Dok. "X1" - fol. 41 u l-original tieghu bhala Dok. "PC 1"), u halla c-cwievet tal-garaxx ghand ommhom fl-ewwel gimgha ta' Settembru 1997, kif kien qallu biex jaghmel l-attur. Cahad il-kliem li qal Said u anke li kien hemm xi ftehim li jaqsmu l-profitti bin-nofs.

## (D) KONSIDERAZZJONIJIET FUQ IL-PROVI PRODOTTI.

Illi huwa l-attur li ghamel din il-kawza u fiha qed jallega li kellhu ftehim mal-konvenut dwar il-garaxx imsemmi, li skond l-istess attur kien inkera verso l-kera ta' tnax-il lira (Lm12) kuljum.

Illi ghalhekk huwa l-oneru tieghu li jipprova dan il-ftehim, u in sostenn tal-istess kull ma pproduca l-attur kienet biss ix-xhieda tieghu, u certu John Said, dan ta' l-ahhar biss biex allega li sema' l-konvenut jghid li kien ser ihallas it-Lm12.

Illi min-naha l-ohra dan kollu huwa kontradett mill-konvenut, li sostna li l-kera kienet ta' Lm500 fis-sena

b'effett minn Settembru 1995, u fil-fatt hallas ghall-istess skadenza u ghal dik ta' Settembru 1996.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-attur ma rnexxilux jipprova l-allegazzjoni tieghu tal-*quantum* tal-kera minnu pretizi, tant li fil-fatt mhux biss ma gab ebda prova dokumentarja tal-istess ftehim, izda lanqas ressaq ebda prova dokumentarja tal-allegazzjoni tieghu li ghall-ewwel sena l-konvenut kien fil-fatt hallas ir-rata minnu pretizi.

Illi mhux biss l-attur ma ghamilx dan, izda l-unika pagament li hemm prova dokumentarja tieghu huwa dak li sar tramite *cheque* tal-konvenut fl-ammont ta' Lm500, li huwa ammess li inkiteb mill-attur stess, u huwa datat 18 ta' Settembru 1996, liema ammont jikkorrispondi perfettament mal-allegazzjoni tal-konvenut li tali ammont jirrapprezenta skadenza ta' sena kera u pagabbli ghall-iskadenza ta' Settembru 1996, ghall sena kera bil-quddiem.

Illi l-allegazzjoni tal-attur li tali pagament kien pagament akkont ghall-perjodu indikat fic-citazzjoni attrici u cioe' bejn l-1 ta' Jannar 1996 u 30 ta' Gunju 1996 bl-ebda mod ma giet ippruvata, u fil-fatt l-allegazzjoni tal-attur stess lanqas hija cara ghaliex la darba il-kawza saret fl-20 ta' Marzu 1997, u skond ix-xhieda tal-attur stess il-konvenut qabel ma fetah il-kawza kien gia' qallu li ma kienx ser ihallsu l-kera bir-rata pretiza mill-attur, jibqa' mhux spjegat mill-istess attur ghaliex fetah il-kawza ghall-perjodu imsemmi fic-citazzjoni attrici u mhux ghas-sena kollha.

Illi *di piu'* x-xhieda tal-attur hija wkoll konfuza peress li ma jirrizultax minn meta beda jghodd tali ftehim minnu allegat, u lanqas jirrizulta il-mod kif tali kera kellha tigi mhallsa bl-iskadenzi b'kollox.

Illi jinghad ukoll li la darba l-attur kien qed isostni r-rata ta' kera ta' Lm12 kuljum, u la darba li huwa sostna (bla ma prova) li l-konvenut kien hallsu bl-istess rata ghall-ewwel sena, kif huwa stess qatt ma hareg ricevuta fuq l-istess ammonti u qatt ma spjega kif tali ammonti thallsu mill-konvenut, u f'liema skadenzi.

Illi jidher li hija iktar minn koincidenza li l-unika prova ta' pagament li tezisti hija dik maghmula permezz ta' *cheque* ta' Lm500 proprju fid-data tal-iskadenza tal-kera allegata mill-konvenut, u iktar ma huwiex car ghaliex l-istess attur ircieva propju dan l-ammont minghand il-konvenut iktar u iktar meta ma hemmx spjegat kif tali ammont gie ikkalkulat a bazi tal-kera minnu pretiza.

Illi lanqas ma nghatat ebda spjegazzjoni ghaliex la darba l-konvenut ghamel zgur il-pagament ghall-ewwel sena, u pagament ghat-tieni sena, l-attur qatt ma hareg ricevuti tal-ammonti lilu mhallsa, meta kieku ghamel dan kien jirrizulta b'mod car kemm kienet il-kera tal-fond *de quo* u wkoll prova tal-pagamenti li saru, u dan meta kull meta hallsu l-qbiela l-partijiet relattiva ghall-art lilhom imqabbla, dejjem

inghataw ricevuta. Lanqas fil-mori tal-kawza ma jidhru li hargu jew saru dawn l-ircevuti.

Illi fl-ahharnett wiehed ukoll jirrileva l-istat konfuz li dwaru l-attur xehed dwar il-perjodi ta' kera li kienu allegatament lilu dovuti. Hekk fil-premessi tac-citazzjoni u dikjarazzjoni ssostna li kellu jiehu bilanc minn Jannar 1996 sat-30 ta' Gunju 1996, fl-affidavit tieghu (fol. 26) jghid li ghandu jiehu minn Frar 1996 sat-12 ta' Ottubru 1997, u fil-11 ta' Dicembru 1998 (fol. 45) sostna li *"l-konvenut ghandu jaghtini kif inghad fic-citazzjoni ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 1996 sat-30 ta' Gunju 1996. Nispjega illi umbaghad il-konvenut irid jaghtini l-kera li skadiet fit-12 ta' Ottubru 1996. Nikkoregi ruhi li skadiet fit-12 ta' Ottubru 1997".* Illi certament din ix-xhieda hija konfuzjonarja, u anke jekk wiehed joqghod fuq dak li xehed l-ahhar wiehed jistaqsi x'sar minnu il-perjodu bejn l-1 ta' Awissu 1996 u l-11 ta' Ottubru 1996, apparti konsiderazzjonijiet ohra mhux spjegati mill-attur innifsu bhal per ezempju ghaliex semma id-data tat-**12** ta' Ottubru, meta fic-citazzjoni qed jintalab hlas mill-**1** ta' Jannar.

Illi dan qed jinghad ukoll minkejja inkonsistenzi ohra fix-xhieda tal-attur bhal meta xehed fit-12 ta' Mejju 1999 u qal *viva voce "lil hija cioe' lill-konvenut qatt ma krejtulu l-garaxx. Jiena tajtulu bin-nofs……"* u fejn fl-istess seduta (fol.49) qal li *"il-konvenut offrili l-kera ta' tnax-il lira kuljum u jiena accetajt",* mentri fl-affidavit tieghu (fol. 26) qal *"jiena ridt hmistax-il lira kuljum (Lm15.00) pero' fl-ahhar*

*ikkuntentajt b'tnax-il lira (Lm12.00) kuljum liema somma hija accettata wkoll, tant li beda jsir il-hlas. Huwa hallas minn meta beda n-negozju sa l-ahhar tas-sena 1995".* Certament li dan kollu jrendi l-versjoni tal-istess attur inverosimili.

Illi l-istess jista' jinghad dwar x-xhieda ta' John Said, li in effetti ma semmiex hlief l-ammont ta' Lm12, u lanqas spjega f'liema kuntest dan id-diskors kien qed jinghad. Pero' jidher li x-xhud, anke ghaliex ammess li l-attur kien qallu dwar l-allegazzjoni tieghu, rabat kollox f'daqqa u ghamel l-konkluzzjonijiet tieghu favur l-attur, li jidher li huwa habib tieghu sew, stante li jahdem kultant ghalih, flimkien ma ibnu minghajr ma jithallsu. Certament li x-xhieda ta' dan ix-xhud ma ghandhiex affidabilita` f'ghajnejn din il-Qorti, apparti li l-istess xhud *ex admissis* sostna li huwa ma kienx prezenti ghall-istess ftehim allegat mill-attur.

Illi ghalhekk in vista tal-premess, hija l-opinjoni ta' din il-Qorti, li l-attur ma ippruvax l-allegazzjonijiet tieghu, u ghalhekk it-talbiet tieghu fil-konfront tal-konvenut ghandhom jigu michuda, anke ghaliex il-versjoni tal-konvenut hija aktar kredibbli, u ghalinqas korroborata mill-unika dokument esebit dwar il-hlas li sar fit-18 ta' Settembru 1996.

Illi fl-ahharnett in vista tax-xhieda tal-istess attur, fejn jidher car li qabel il-kawza l-ammonti minnu pretiz kien gia'

ikkontestat mill-konvenut, il-Qorti tinnota u thoss ukoll li l-procedura ta' giljottina adoperata mill-istess attur hija manifestament abbuz tal-istess procedura, u dan ukoll, apparti l-konsiderazzjonijiet fuq elenkati dwar il-mertu, certament li ma jirriflettix tajjeb fuq l-istess attur, iktar u iktar meta fid-dikjarazzjoni u l-affidavit tieghu anness mac-citazzjoni sostna li l-konvenut ma ghandux difiza.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tichad it-talba attrici** stante li l-istess attur ma rnexxilux jipprova l-allegazzjonijiiet tieghu u wkoll ghaliex ix-xhieda tieghu lanqas hija kredibbli, hija wisq inverosimili u ma hija bl-ebda mod korroborata, anzi hija wkoll kontradittorja f'partijiet krucjali ghat-tezi attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Frar, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta’ Frar, 2001.**